**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 40/2008**

**Illum: 23 ta' Novembru, 2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Mario Buhagiar**
**(ID 378168(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Mario Buhagiar ta' 38 sena, bin Charles u Maryrose nee` Bezzina, imwieled il-Pieta` fid-19 ta' Lulju 1968 u prezentement residenti fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 378168(M):

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-22 ta' Novembru 2006 fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin (CCF), Rahal Gdid:

a) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Ukoll talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi minghajr l-awtorita` legittima dahhal jew ipprova jdahhal f'xi parti tal-konfini tal-habs u cioe` fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, oggetti jkunu li jkunu, specifikatament medicina perikoluza (droga eroina), liema oggett huwa projbit u dan bi ksur tal-Artikolu 7(1) u (2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti maghmula taht l-istess ligi;

c) Ukoll talli f'dawn il-gzejjer, fit-22 ta' Novembru 2006 u matul il-granet ta' qabel din id-data, ittenta jaghmel reat kontra din l-Ordinanza jew hajjar jew gieghel persuna ohra taghmel dak ir-reat ai termini tal-Artikolu 22(5) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba titratta mal-imputat Mario Buhagiar talli kiser il-kundizzjonijiet ta' sentenza datata 17 ta' Frar 2006 moghtija minn din l-istess Qorti fejn huwa kien gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta u talli sar recidiv b'sentenza datata 17 ta' Mejju 2007 moghtija mill-Magistrat Dr. G. Grixti LL.D., fejn l-imputat kien gie kkundannat piena ta' tmien xhur prigunerija effettiva.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u l-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9, sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat ukoll illi waqt l-ezami tieghu ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja (b'referenza ghall-imputazzjoni (b)), kif ukoll illi m'huwiex hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Rat ukoll illi fis-seduta tas-26 ta' April 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiza.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Fix-xhieda taghha, l-**ex Spettur Nadia Lanzon**[1] qalet illi nhar it-22 ta' Novembru 2006 ghall-habta tat-3.30 p.m., hija giet infurmata mill-Ispettur Jesmond Borg mill-Ghassa ta' Rahal Gdid, illi kienet instabet xi droga fuq certu Michelle Bugeja u li din kienet marret taghmel vista gewwa l-habs lil *partner* jew *ex-partner* taghha, certu Mario Buhagiar, l-imputat odjern li, dak iz-zmien, kien qed jiskonta sentenza gewwa l-habs. Skond ix-xhud, waqt il-vizta, l-Ufficjali tal-Habs kienu osservaw lil Bugeja tohrog xi haga mill-qalziet taghha u tghaddiha lill-imputat u illi l-Ufficjali tal-Habs marru fuq l-imputat u hekk kif rahom gejjin, dan bela' l-oggett in kwistjoni. L-istess imputat gie mehud l-isptar ghall-*x-rays*, liema *x-rays* irrizultaw fin-negattiv. Ix-xhud spjegat kif hi kellmet lil Bugeja, wara li din inghatat is-solita twissija u li ghalkemm fil-bidu Bugeja innegat li ghaddiet xi haga lill-imputat, sussegwentement ammettiet illi kienet marret tara lill-*ex partner taghha* wara li dan kien qed jaghmel kuntatt maghha bit-telefon u li kien ilu jinsisti biex tehodlu pakkett *smack* jew eroina gewwa l-habs peress illi d-droga gewwa l-habs kienet gholja ferm u huwa ma setax jaffordjaha. Skond Bugeja, l-imputat kien ilu jiffittaha biex tehodlu d-droga, fl-ahhar cediet u pprokuratlu d-droga ossia pakkett ta' hamsa, billi hadithielu l-habs. Ix-xhud qalet li wkoll skond Bugeja, l-imputat ma kienx weghdha xi hlas ghal dan, izda li ghamlet dan bi pjacir u anke ghaliex kienet qed tithassru peress illi kien qed isofri minn *withdrawal symptoms*. Qalet illi l-pakkett kienet hbietu fil-qalziet ta' taht taghha u ghalhekk meta dahlet il-habs ma nstabx peress illi ma kinitx saritilha *strip search*. Ix-xhud qalet ukoll

[1] A fol. 29 *et seq* tal-process u a fol. 44 *et seq* tal-process.

illi hija kellmet lill-imputat, wara li taghtu s-solita twissija, fejn dan stqarr illi huwa kellu l-vizzju tad-droga eroina, izda kien waqaf jabbuza mid-droga meta dahal il-habs biex jiskonta sentenza dwar serq. Huwa qal illi ghall-bidu kien marid hafna minhabba l-*withdrawal symptoms*, izda wara xi gimghatejn dawn bdew jonqsu. Stqarr ukoll illi ghalkemm id-droga eroina kienet disponibbli gewwa l-habs, din kienet gholja ferm u ma kienx jaffordja jixtriha. Qal illi kellu l-opportunita` li jmur gewwa l-Isptar Monte Karmeli ghal trattament minhabba l-*withdrawal symptoms*, izda ddecieda li ma jmurx. Ix-xhud qalet illi kienet ittiehdet stqarrija lill-imputat bil-miktub esebita fl-atti bhala Dokument DT, li fiha huwa ghazel li ma jwegibx ghall-maggor parti tad-domandi li sarulu u ghazel ukoll li ma jiffirmahiex. Ix-xhud qalet ukoll illi qabel ittiehdet l-istqarrija bil-miktub, l-imputat innega illi Bugeja kienet taghtu xi haga jew li kien bela' xi haga.

Fl-istqarrija tieghu rilaxxjata fit-23 ta' Novembru 2006[2], wara li nghata s-solita twissija li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma jkunx jixtieq li jaghmel dan, imma dak li jghid jista' jingieb bhala prova, **l-imputat** jghid illi fiz-zmien in kwistjoni, huwa kien qieghed fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, f'Divizjoni 3, u li kien ilu hemm xi hames xhur. Mistoqsi ghandux il-problema tad-droga, huwa qal illi "*Bhalissa le*" u mistoqsi x'tip ta' problemi ghandu, wiegeb li ma xtaq jghid xejn. Mistoqsi jekk kienx jaf lil Bugeja, huwa wiegeb illi Michelle Bugeja hija t-tfajla tieghu u omm uliedu u li l-ahhar li kien raha kien fil-jum ta' qabel f'vista gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Mistoqsi jekk ghandux jew kellux il-vizzju tad-droga eroina, huwa ghazel li ma jwegibx u meta gie ssuggerit lilu illi wara li nghata s-solita twissija u qabel bdiet tittiehed l-istqarrija bil-miktub, huwa qal li ghandu l-vizzju tad-droga, izda li waqaf meta dahal il-habs, illi kien ghamel l-ewwel hmistax imdamdam u illi anke l-habs kienu staqsewh jekk riedx imur l-Isptar Monte Karmeli ghall-pilloli, izda huwa kien irrifjuta, huwa wiegeb illi ma rrifjutax, illi seta' jmur u ma marx u ma kienx gie mistoqsi biex jaghmel dan. Mill-bqija, l-imputat ghazel li ma jwegibx ghad-domandi kollha li sarulu, kif kellu kull dritt li jaghmel.

Xehed **CO 11 Mark Spiteri**[3] li qal illi fiz-zmien in kwistjoni, huwa kien stazzjonat fil-Unit tal-klieb. Qal illi huwa kien qieghed 'id-debituri', fejn hemm *monitor* li juri dak kollu li jkun qed isir matul il-vizti. Qal illi kull ma ra kien lit-tfajla tal-imputat "*qisha caqalqet xi haga minn fejn il-qalziet u qisha ghaddietha lejn l-imputat*". Dak il-hin cemplu lill-Ufficjali tal-SRT. Mieghu kien hemm il-Maggur Giorgeva, x'hin kien qed josserva dak li spjega fuq il-*monitor*. Qal illi jaf li din it-

---

[2] A fol. 4 *et seq* tal-process.
[3] A fol. 33 *et seq* tal-process.

tfajla jisimha Michelle Bugeja u li ma jistax ikun preciz dwar x'kien l-oggett li gie mghoddi minnha.

**Dorianne Giorgeva** xehdet illi fit-22 ta' Novembru 2006, waqt *contact visit*, fuq il-*monitor* giet innutata l-vizitatura, certa Michelle Buhagiar, tressaq idejha lejn id l-imputat. Dak il-hin, fuq suspett, huma cemplu lill-Ufficjali tal-SRT biex jintervjenu. Kienu dawn l-Ufficjali li ntervjenew – u cioe` CO 104 u CO 85 - ghaliex huma baqghu hdejn il-*camera*. Qalet illi din ma kinitx l-ewwel darba li rat lil vizitatura u taf li hija l-mara tal-imputat. Ikkonfermat li jisimha Michelle, izda ma kinitx certa fuq il-kunjom.[4]

Xehed **CO 109 Conrad Saliba**[5] li qal illi huwa jaf lill-imputat gewwa l-habs u li fil-jum in kwistjoni, wara nofsinhar, ircevew telefonata mid-'debituri' u cioe` minn CO 11, sabiex jinzlu jaghmlu tfittxija. Qal illi kif dahlu fuq l-imputat, waqqfulu l-vista ghaliex "*raw xi haga suspettuza minn fuq xi monitor*". Minn tfittxija li saret fuqu u cioe` *strip search*, ma nstab xejn. Jghid ukoll illi meta dahlu fuq l-imputat, huma ma rawh jaghmel xejn partikolari. L-imputat anke accetta li jmur l-isptar. Mieghu kien hemm il-persuna li kienet tmur tarah, izda ma kienx jaf min ghamlilha tfittxija. Jghid illi wara kienu marru l-isptar, izda t-testijiet irrizultaw fin-negattiv u ma nstab xejn.

Xehed ukoll **CO 85 Godwin Agius**[6], li qal illi fit-22 ta' Novembru 2006, huwa kien qieghed fl-ufficcju tal-SRT, fejn ircevew telefonata biex issir tfittxija fejn isiru l-visti tad-detenuti. Nizlu u gew mitluba jaghmlu tfittxija fuq l-imputat, li dak il-hin kien qieghed ma' tfajla u tifel, izda waqt it-tfittxija ma nstab xejn. L-istess imputat gie mehud l-isptar ghall-*x-rays*, izda dawn taw rizultat negattiv. Ma kienx jaf x'jisimha t-tfajla u lanqas jaf min fittex fuq it-tfajla.

Ghalkemm il-Prosekuzzjoni riedet tressaq bhala xhud lil Michelle Bugeja, din baqghet ma xehditx. Mill-verbali tad-19 ta' Jannar 2011 u tal-20 ta' Mejju 2011, jirrizulta illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi ghalkemm il-Prosekuzzjoni riedet tressaq lil Bugeja bhala xhud, din kellha proceduri pendenti fil-konfront taghha quddiem l-istess Qorti. Fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2011, wara li d-difiza sostniet illi l-imputat ghandu dritt ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli u talbet illi dan id-dritt jigi salvagwardjat billi l-kawza tkompli tinstema' u tigi deciza skond il-provi li jistghu jkunu producibbli fi zmien ragjonevoli, din il-Qorti kif diversament preseduta, fil-waqt illi ddikjarat illi tifhem il-problemi riskontrati mill-

[4] A fol. 35 *et seq* tal-process.
[5] A fol. 38 *et seq* tal-process.
[6] A fol. 41 *et seq* tal-process.

Prosekuzzjoni, iddifferiet il-kawza ghat-13 ta' April 2012 ghall-ahhar darba ghall-provi tal-Prosekuzzjoni u ddikjarat illi jekk dakinhar il-provi ma jinghalqux, tiddikjara l-provi tal-Prosekuzzjoni maghluqa. Permezz ta' rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija tal-11 ta' April 2012, il-Qorti giet infurmata illi l-kawza fil-konfront ta' Michelle Bugeja kienet giet deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-13 ta' Jannar 2012 u li l-Avukat Generali kien intavola appell minn din is-sentenza stante li Bugeja giet illiberata mill-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha. Ghalkemm ma nghatax digriet dwar dan ir-rikors, biss fis-seduta tat-13 ta' April 2012, il-kawza thalliet ghall-provi tal-Prosekuzzjoni ghall-21 ta' Novembru 2012 u fil-21 ta' Novembru 2012, din thalliet ghas-26 ta' April 2013. Fis-seduta tas-26 ta' April 2013, l-Ufficjal Prosekutur informa lill-Qorti illi l-kawza fil-konfront tax-xhud Michelle Bugeja kienet ghadha pendenti fl-appell u li kienet fl-istadju tas-sentenza. Fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2013, id-difiza wara li ghamlet referenza ghall-verbal tat-23 ta' Novembru 2011, fejn allura l-kawza kienet giet differita ghall-ahhar darba ghall-provi tal-Prosekuzzjoni, regghet talbet illi l-kawza timxi 'l quddiem irrispettivament mill-proceduri fil-konfront ta' Bugeja. Wara li semghet anke lill-Prosekuzzjoni, permezz ta' digriet datat 30 ta' Ottubru 2013, il-Qorti, kif preseduta, ordnat illi kemm il-darba s-sentenza fil-konfront ta' Bugeja tkun inghatat sas-6 ta' Novembru 2013, allura din ghandha tigi mharrka sabiex tixhed f'dik id-data u li altrimenti kienet ser taghti differiment wiehed biss wara dik id-data, sabiex il-Prosekuzzjoni taghlaq il-provi taghha. Fin-nuqqas, il-Qorti tiddikjara l-provi tal-Prosekuzzjoni maghluqa. Wara li s-sentenza fil-konfront ta' Bugeja ma nghatatx sa dakinhar, il-Qorti ddifferiet il-kawza ghall-ahhar darba ghas-17 ta' Frar 2014, f'liema seduta l-imputat ma deherx, iddifferiet il-kawza ghall-5 ta' Mejju 2014, f'liema seduta l-Ufficjal Prosekutur *inter alia* informa lill-Qorti li l-appell ma kienx gie deciz u ghaldaqstant, il-Qorti ddikjarat il-provi tal-Prosekuzzjoni maghluqa.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi mill-provi prodotti u b'mod partikolari mix-xhieda ta' CO 11 Mark Spiteri u Dorianne Giorgeva illi kienu l-unici zewg xhieda prodotti li osseraw lil Bugeja u lill-imputat waqt il-vista in kwistjoni minn fuq il-*monitor*, jirrizulta illi huma raw lil Bugeja u lill-imputat jaghmlu moviment suspettuz. Proprjament ix-xhud CO 11 Spiteri jaghti l-impressjoni li lanqas kien cert dwar dak li raha, ghaliex fix-xhieda tieghu jghid illi t-tfajla in kwistjoni ossia Michelle Bugeja "*qisha caqalqet xi haga minn fejn il-qalziet u qisha ghaddietha lejn l-imputat*" (sottolinear tal-Qorti), fil-waqt illi Dorianne Giorgeva tghid illi hija rat lit-tfajla tressaq idejha lejn id l-imputat. Dak li tixhed l-ex Spettur Nadia Lanzon, li wara kollox lanqas kienet

prezenti waqt dan l-incident, fis-sens illi hekk kif l-imputat ra lill-Ufficjali tal-Habs sejrin fuqu, huwa bela' l-oggett li kienet allegatament ghaddietlu Bugeja, ma jirrizulta minn imkien mix-xhieda tal-Ufficjali tal-Habs li kienu qeghdin josservawh fuq il-*monitor* u lanqas mix-xhieda tal-Ufficjali li marru fuq l-imputat waqt il-vista, hekk kif gew avzati biex jaghmlu dan. Anzi CO 109 Conrad Saliba jghid illi x'hin marru fuq l-imputat, huma ma rawh jaghmel xejn partikolari. In oltre l-Ufficjali tal-Habs xehdu illi fil-pussess tal-imputat wara li saritlu *strip search* ma nstab xejn, apparti illi *x-ray* li sar fuq l-imputat gewwa l-isptar wara dan l-incident, ukoll ta rizultat negattiv. Lanqas ma jirrizulta mill-provi prodotti, illi kienet saret tfittxija fuq Michelle Bugeja jew illi kienet instabet xi sustanza illegali fil-pussess taghha.

Fl-istqarrija tieghu, l-imputat ma wegibx ghad-domandi li sarulu dwar il-vista in kwistjoni u mal-ex Spettur Lanzon, wara li hija kienet taghtu s-solita twissija, verbalment huwa cahad li Bugeja kienet ghaddietlu xi haga jew li kien bela' xi haga, kif kien qed jigi allegat.

Issa ghalkemm l-ex Spettur Nadia Lanzon tghid illi hija tkellmet ma' Michelle Bugeja wara li taghtha s-solita twissija li kellha d-dritt li ma twegibx u li din ammettiet maghha illi l-imputat kien ilu jinsisti maghha biex tehodlu d-droga eroina u li fl-ahhar hija kienet cediet u haditlu d-droga u cioe` pakkett tal-hamsa gewwa l-habs, l-istess Michelle Bugeja ma xehditx f'dawn il-proceduri u ghalhekk dak li hija qalet lill-ex Spettur Nadia Lanzon matul l-interrogatorju taghha baqa' ma giex ikkonfermat minnha fil-proceduri odjerna. Dak li xehdet l-ex Spettur Nadia Lanzon dwar dak li ntqal lilha minn Bugeja huwa biss *hearsay evidence* li ma jaghmilx prova dwar il-veracita` o meno ta' dak li stqarret Bugeja max-xhud.

F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk, ma ngabitx prova fil-grad rikjest mil-ligi, la illi Bugeja kienet ghaddiet xi haga lill-imputat waqt il-vista in kwistjoni, ghaliex kif inghad, ma nstab xejn la mit-tfixxija li saret fuq il-persuna tal-imputat u lanqas mill-*x-ray* li skond l-Ufficjali tal-Habs saritlu sussegwentement u wisq inqas illi Bugeja kienet ghaddietlu d-droga eroina.

Konsegwentement, l-imputazzjonijiet (a), (b) u (c) ma jirrizultawx sodisfacentment ippruvati fil-grad rikjest mil-ligi.

Isegwi wkoll illi la darba m'hijiex tinstab reita` fl-imputat dwar l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, lanqas ma tista' tinstab htija fl-istess imputat dwar ksur ta' liberazzjoni kundizzjonata ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 u lanqas dwar l-addebitu tar-recidiva.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnhom.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat